MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2005

Numru. 562/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v-**

**MATHEW MARIO VELLA bin Michael u Martha nee' Azzopardi, imwieled fit-tmienja w ghoxrin [28] ta' Gunju, 1988 u residenti 'St Martha', Triq il-Knisja, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 336588M**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **MATTHEW MARIO VELLA** bin Michael u Martha nee' Azzopardi, imwieled fit-tmienja w ghoxrin [28] ta' Gunju, 1988 u residenti 'St Martha', Triq il-Knisja, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru

336588M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fl-ghoxrin [20] ta’ Novembru, 2005 ghall-habta tat-tlieta w nofs ta’ wara nofsinhar fi Triq l-Imgarr, Xewkija,

1. saq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni SAJ-002 minghajr licenzja tas-sewqan mahruga mill-Awtorita’ tat-Transport ta’ Malta.

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi habat ma vettura CAM-100 u naqas li jieqaf u jaghti l-partikularitajiet tieghu u tal-vettura tieghu lil John Saliba mir-Rabat, Ghawdex.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan tieghu ghal perjodu ta’ zmien li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sitta ta’ Dicembru 2005 fil-presenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati, din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghalhekk **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikolu 15(1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-MVR 67, **tiddikjara li ssib lil imputat MATTHEW MARIO VELLA hati tal-akkuzi kif minnu ammessi u tiddecidi li tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ hamsin lira maltin u tordna l-iskwalifika tal-licenzja tal-imputat ghal perjodu ta' sena mill-lum.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------